**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 7/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Gilbert Busuttil**
**(ID 586785(M))**

**Illum, 24 ta' Jannar 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gilbert Busuttil ta' 31 sena, bin Anthony u Josephine nee` Mizzi, imwieled Pieta` nhar it-23 ta' Novembru 1985, residenti Block B, Flat 10, Triq il-Ghajn, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 586785(M);

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Frar 2017, gewwa dawn il-Gzejjer[1]:

[1] Fuq talba tal-Prosekuzzjoni tas-17 ta' Frar 2017, milqugha b'digriet ta' din il-Qorti li jgib l-istess data, ic-*charge sheet* giet emendata.

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Forna jew ipprokura jew offra li jforna jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga

msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Forna jew ipprokura jew offra li jforna jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club,* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. Kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv, b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat is-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-6 ta' Frar 2017, ghall-habta tas-2.30 p.m., kemm l-Ispettur Gabriel Micallef mill-Iskwadra kontra d-Droga, kif ukoll l-Ghassa ta' Sliema, ircevew informazzjoni kunfidenzjali jew anonima dwar suspett ta' traffikar ta' droga da parti ta' persuna jew persuni li kienu qed jokkupaw il-kamra bin-numru 306 gewwa l-*Kennedy Nova Hotel*. Fuq tali informazzjoni, l-Ispettur Jonathan Ransley, flimkien ma' PS 157 Brian Mifsud, WPC 257 Leanne Sant u PC 1084 Sven Sammut marru gewwa l-imsemmija lukanda, ottjenew *master key* tal-kamra bin-numru 306 u dahlu fl-istess kamra, fejn hemmhekk sabu lill-imputat odjern, lil Clint Zammit maghruf bhala l-*Bomber* u lil Liza Pace. Fil-kamra kien hemm *double bed* (li wara rrizulta li kienu zewg sodod *single* maghqudin flimkien), u fil-waqt illi l-imputat kien qieghed bil-qeghda fuq in-naha tax-xellug tal-istess sodda, Zammit kien bil-qeghda fuq in-naha tal-lemin, fil-waqt illi skont l-Ispettur Ransley, hekk kif dahlu fil-kamra Liza Pace giet innutata hierga mill-kamra tal-banju tal-istess kamra. X'hin dahlu, il-pulizija prezenti mill-ewwel innutaw li fil-kamra kien hemm oggetti relatati mal-abbuz tad-droga bhal bicciet tal-*foil* u pipa fuq is-sodda (skont WPC 256 u PS 157) u ghalhekk it-tliet persuni msemmija gew infurmati li kienu taht arrest. Ukoll skont ix-xhieda tal-pulizija prezenti, saret tfittxija fuq il-persuni tal-imputat u ta' Zammit, waqt liema tfittxija ma nstab xejn, izda hekk kif WPC 256 marret biex taghmel tfittxija fuq Liza Pace, PC 1084 Sven Sammut innota lil Pace timbotta zewg boroz b'idejha mill-*hoodie* li kienet liebsa u titfaghhom mal-art u li mbaghad ippruvat tghattihom b'saqajha. Irrizulta li f'borza minnhom kien hemm diversi *sachets* b'sustanza bajda u kannella u fil-borza l-ohra, kien hemm trab kannella. Jirrizulta wkoll illi l-Ispettur Ransley informa lill-Ispettur Gabriel Micallef b'din is-sejba u li l-Ispettur Micallef, imbaghad, mar fuq il-post flimkien man-nies tieghu. Kompliet tfittxija fil-kamra, fejn instabu wkoll pakkett indawwar b'*tape* tad-dawl taht is-sodda, mizien digitali li kien mal-qiegh tas-sodda u li waqa' hekk x'hin din giet mghollija sabiex issir it-tfittxija u gie nnutat ukoll *tape* simili jekk mhux identiku ghal dak li nstab mal-pakkett imsemmi, imwahhal ma' plastik li

kien qed jghatti l-*fire detector* fil-kamra. Instabet ukoll mgharfa mghawwga f'kaxxa tat-*tissues* gewwa l-kamra tal-banju u flixkun tal-*ammonia* fuq xkaffa ta' wahda mill-komodini.[2]

L-imputat flimkien ma' Pace ittiehed gewwa l-Ghassa ta' Sliema, fil-waqt illi Zammit ittiehed gewwa l-*lock up* tal-Furjana. Ilkoll inghataw id-drittijiet taghhom u effettivament, jirrizulta mill-atti illi l-imputat inghata d-drittijiet tieghu darbtejn, l-ewwel darba fis-6 ta' Frar 2017 u t-tieni darba l-ghada fis-7 ta' Frar 2017. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Micallef, illi l-ewwel l-Ispettur Ransley u hu tkellmu ma' Liza Pace li, madankollu, ghall-bidu bdiet tibza' titkellem u f'xi hin, huwa nizel ikellem lill-imputat, wara li diga` kien inghata d-drittijiet tieghu, f'liema hin l-imputat qallu xi diskors. L-Ispettur Micallef mar ikellem lill-Ispettur Ransley u talbu lil Pace tohrog mill-ufficju tal-Ispettur. Waqt li din kienet barra l-ufficju akkumpanjata minn WPC 256, Pace spjegatilha x'kien gara dakinhar qabel l-arrest taghhom, liema verzjoni imbaghad hija rrepetitha liz-zewg Spetturi waqt l-interrogatorju taghha. Clint Zammit irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Micallef. Da parti tieghu, l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar is-7 ta' Frar 2017, f'liema stqarrija huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li kienu jirrigwardaw l-attivita` fil-kamra in kwistjoni, kif kellu kull dritt li jaghmel, ghalkemm stqarr illi l-kamra kien kriha hu u kienu ilu fiha xi tliet ijiem. Liza Pace[3] u Clint Zammit[4] xehdu f'dawn il-proceduri, kif ghazel li jaghmel ukoll l-imputat[5].

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[6], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu: *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat S/B/60/2017 li fih:

(1) *evidence bag* bin-numru S00165257 u mmarkat GM8 li fih: (i) mizien zghir ta' lewn iswed; (ii) borza tal-plastik trasparenti mmarkata *kexxun tal-iskrivanija* li fiha qartas tal-plastik vojt; (iii) oggett imgezwer fit-*tape* ta' lewn ahmar skur li fih *tissues* u sustanza kannella skura li fiha riha ta' *feces* jew ippurgar; (iv) 9 qratas tal-plastik trasparenti li fihom sustanza ta' lewn bajda u 3 qratas tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn kannella u (v) pillola bajda bil-kliem *ADELCO* u pillola ta' lewn roza bl-ittra Q;

[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef, a fol. 24 *et seq* tal-process; ix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley, a fol. 53 *et seq* tal-process; ix-xhieda ta' PS 157 Brian Mifsud, in ezami a fol. 65 *et seq* tal-process u in kontro-ezami a fol. 261 *et seq* tal-process; ix-xhieda ta' WPC 256 Leanne Sant, in ezami a fol. 71 *et seq* tal-process u in kontro-ezami, a fol. 264 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' PC 1084 Sven Sammut, a fol. 76 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 190 *et seq* tal-process.
[4] In ezami a fol. 208 *et seq* tal-process u in kontro-ezami a fol. 232 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 272 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 94 *et seq* tal-process.

(2) *evidence bag* bin-numru M00104951 u mmarkat GM7 li fih flixkun tal-plastik bil-kliem *Ammonia Solution 10%* li fih xi likwidu. Fuq l-*evidence bag* kien hemm il-kliem *Barra fil-Gallarija*;

(3) *evidence bag* bin-numru M00389134 u mmarkat GM9 li fih mgharfa mghawga u zewg *tissues*;

(4) *evidence bag* bin-numru M00389135 u mmarkat GM10 li fih xi *tape*;

(5) *evidence bag* bin-numru S00165313 u mmarkat GM11 li fih bicciet tal-*foil* u pipa.

Mir-rizultati miksuba, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ikkonkluda s-segwenti:

(a) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn bajda fid-dokument fuq imsemmi, instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tas-sustanza kien ta' 1.71 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 18%.

(b) Illi fuq estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument fuq imsemmi, instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 1.37 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 18%.

(c) Illi fuq *swab* mehud mill-imgharfa u mill-pipi li hemm fid-dokument hawn fuq imsemmi nstabet is-sustanza Kokaina.

Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi b'kollox kien hemm disat iqratas li jikkontjenu s-sustanza kokaina bis-segwenti piz rispettiv: 0.25 grammi, 0.13 grammi, 0.23 grammi, 0.27 grammi, 0.21 grammi, 0.20 grammi, 0.15 grammi, 0.15 grammi, 0.12 grammi u tlitt iqratas li jikkontjenu s-sustanza eroina bis-segwenti piz rispettiv: 0.19 grammi, 0.82 grammi u 0.36 grammi.

Mir-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes, jirrizulta illi ma gie nnutat l-ebda zvilupp ta' marki ta' swaba fuq il-qratas tal-plastik trasparenti li jiffurmaw parti minn Dokument GM8.[7]

---

[7] Ara r-relazzjoni a fol. 222 *et seq* tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tad-drogi kokaina u eroina u bir-reat ta' traffikar tal-istess sustanzi.

Jibda biex jinghad illi ai termini tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta[8], dak li stqarru Liza Pace u Clint Zammit lill-pulizija, matul l-interrogatorju rispettiv taghhom, ma jaghmilx prova hlief fil-konfront taghhom u ghalhekk, mhux fil-konfront tal-imputat odjern.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju <u>izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat</u>. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. <u>Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le</u>*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Ghalhekk dak li stqarru Liza Pace u Clint Zammit lill-pulizija, jista' jintuza biss fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-kredibilita` o meno tax-xhieda taghhom matul dawn il-proceduri.

Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 jipprovdi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma

[8] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jipprovdi illi "*Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra*".

jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Ghalhekk minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' Liza Pace u Clint Zammit f'dawn il-proceduri, kuntrarjament ghall-istqarrija taghhom, tista' taghmel prova fil-konfront tal-imputat, salv naturalment ghal dak dispost fl-Artikolu 637 tal-istess Kapitolu 9 fuq citat.

Stabbiliti dawn il-principji legali, l-ewwel kwistjoni li trid tikkunsidra u tiddetermina l-Qorti hija dwar il-pussess tad-droga misjuba u cioe` jekk jirrizultax ippruvat, fil-grad rikjest mil-ligi, illi s-*sachets* li remiet Liza Pace, kienux jappartjenu jew kienux fil-pussess tal-imputat odjern qabel ma gew fil-pussess taghha. Illi din is-sustanza kienet effettivament tikkontjeni d-drogi kokaina u eroina gie sodisfacentement ippruvat mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut. Mill-istess relazzjoni, ma jirrizultax illi l-pakkett imdawwar bit-*tape*, li nstab taht is-sodda, kien jikkontjeni d-droga u ghalhekk il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti ser ikunu limitati ghall-imsemmija *sachets.*

Kif inghad izjed 'il fuq, jirrizulta illi fil-kamra in kwistjoni, kien hemm tliet persuni ossia l-imputat, Liza Pace u Clint Zammit u illi kienet Liza Pace li giet osservata tarmi minn idejha l-boroz, bil-kokaina u l-eroina, mill-pulizija prezenti fuq il-post. M'hemmx dubju illi fil-kamra tal-lukanda kienet qed tigi kkunsmata l-kokaina u apparti illi dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-imputat, ta' Pace u ta' Zammit, mir-relazzjoni tal-espert Sammut, jirrizulta wkoll illi xi oggetti misjuba fil-kamra, bhal pipa u mgharfa, nstabu posittivi ghad-droga kokaina. Dwar min kien fil-pussess ta' din id-droga qabel intervjeniet il-pulizija fil-kamra jew qabel

din giet fil-pussess ta' Liza Pace, il-Qorti hija rinfaccjata bi tliet verzjonijiet – dik moghtija minn Liza Pace, li tghid illi d-droga kienet tal-imputat u li kien l-imputat li ghaddilha dawn il-boroz waqt illi l-pulizija kienu diga` prezenti fil-kamra tal-lukanda u dan billi ghadda minn warajha u newlilha l-istess boroz, dik moghtija mill-imputat li jghid illi d-droga kienet ta' Liza Pace, u dik ta' Zammit, li jghid illi ghalkemm huwa ra xi ftit kokaina fuq il-mejda, huwa ma jafx ta' min kienet din id-droga.

Fix-xhieda taghha, Liza Pace tghid illi fiz-zmien tal-kaz, hija kienet tiehu l-kokaina u li dakinhar hija kienet qeghda gewwa kamra f'lukanda f'Tas-Sliema, flimkien mal-imputat u ma' Zammit. Tghid ukoll illi marret maghhom it-tnejn f'din il-kamra, sabiex jiehdu l-kokaina. Qabel marret fil-lukanda, hija kienet qeghda ghand Zammit, ghaliex kienet *homeless* u kienet qeghda tghix ghandu gewwa Hal-Qormi u dakinhar ghadda Gilbert ghandu b'karozza Jaguar u marru fil-lukanda mieghu. Tghid ukoll illi x'hin kienet ghadha kif harget mix-*shower*, dahlu l-pulizija fuqhom u li dak il-hin kien hemm konfuzjoni. Fuqha sabu d-droga, ghalkemm ma tafx kemm kien hemm, ghaliex din tahielha l-imputat meta ghadda minn hdejha. Pace tghid illi x'hin kien hemm il-pulizija, l-imputat qam minn fuq is-sodda u hu u hiereg mill-passagg ta' hdejn is-sodda, ghadda minn hdejha u newwlilha d-droga. X'hin il-pulizija marru jfittxulha, hija tefghet id-droga mal-art. Tghid ukoll illi Zammit kien mar maghha biex ipejjpu l-kokaina u li qabel waslu l-pulizija, it-tliet li huma pejjpu ftit. Il-kokaina gabuha minghand l-imputat, dak il-hin fil-kamra tal-lukanda. Pace tkompli tghid illi l-mizien li nstab fil-lukanda kien tal-imputat u li taf li dan kien tieghu ghaliex xtrah qabel marru fil-lukanda minghand hanut il-Gzira. Tghid illi l-imputat beda jizen il-kokaina fuq il-mizien u ppakkjaha f'boroz, li wara spiccaw ghandha.

Dwar din ix-xhieda, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija taghha lill-pulizija, Pace ukoll tghid illi kien l-imputat li ghaddielha d-droga meta, wara li dahlu fil-kamra l-pulizija, huwa ghadda minn warajha u tefghalha l-borza f'idejha. X'hin imbaghad, il-pulizija marru fuqha biex ifittxulha, hi remiet il-borza. Fl-isqarrija taghha, Pace tghid ukoll illi hija kienet raqdet ghand Zammit gewwa Hal-Qormi u li filghodu mar ihabbtilhom l-imputat, li talab lil Zammit jixtrilu flixkun *ammonia*. Zammit qam *sick* hafna u kellu bzonn l-eroina u din provdihielu l-imputat. Hekk kif fieq, Zammit mar jixtri l-*ammonia*, li mbaghad instab fil-kamra tal-lukanda.[9] Fl-istqarrija taghha, Zammit tghid ukoll li marru l-lukanda, hadu *shower* x'hin waslu u pejjpu l-kokaina flimkien u skont Pace, la hi u lanqas Zammit ma kienu hadu

[9] Ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef, a fol. 24 *et seq* tal-process u x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley, a fol. 53 *et seq* tal-process, kif ukoll ix-xhieda ta' WPC 256 Leanne Sant.

eroina jew kokaina maghhom. Il-kokaina giet provduta lilhom mill-imputat. Tghid ukoll illi hija marret mal-imputat biex jixtri mizien digitali.

Wara li l-Qorti fliet kemm l-istqarrija ta' Pace, kif ukoll ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, tqis illi salv ghal xi inkonsistenzi zghar dwar per ezempju kif Zammit u hi waslu gewwa l-lukanda ossia jekk hux bil-vettura misjuqa mill-imputat jew bil-karozza tal-linja u dwar il-mument li fih l-imputat xtara l-mizien digitali u cioe` jekk hux qabel waslu fil-lukanda jew wara li diga` kienu waslu, fil-bqija Pace baqghet konsistenti u regghet ikkonfermat illi d-droga kienet tal-imputat, li l-imputat pprovda l-kokaina lilha u lil Zammit, li l-imputat xtara l-mizien fil-presenza taghha, li hekk kif dahlu l-pulizija l-imputat ghaddielha d-droga u hi, mbaghad tefghetha mal-art.

Il-Qorti tinnota wkoll illi kemm WPC 256 Leanne Sant, kif ukoll PS 157 Brian Mifsud jghidu illi f'hin minnhom, l-imputat ghadda vicin hafna ta' Pace. Fi kliem PS 157: "*... ghidnilhom biex ma jiccaqalqux u bdejna naghmlu frisk search fuq il-persuni. Ghalkemm ghidnilhom biex ma jiccaqalqux, Gilbert Busuttil beda jghaddi vicin hafna ta' Liza Pace u imbaghad ghaddejna ghas-searches ...*" fuq it-tliet persuni.[10] WPC 256 ukoll tghid illi hija nnutat lill-imputat jghaddi jew idur minn wara Pace. Tqis ukoll il-Qorti illi ghalkemm hadd mill-pulizija prezenti fil-kamra ma ra lill-imputat jghaddi l-boroz bid-droga lil Pace, biss huwa tassew verosimili illi kien l-imputat li ghaddielha l-boroz kif tghid hi fix-xhieda taghha, partikolarment ghaliex hi korroborata b'dak li jghidu l-pulizija, fis-sens illi nnutaw lill-imputat jghaddi minn warajha. Izjed minn hekk, il-Qorti tqis ukoll dak li qal l-imputat lill-Ispettur Gabriel Micallef qabel l-interrogatorju tieghu meta kien diga` nghata d-drittijiet tieghu skont il-ligi. Skont l-Ispettur Micallef meta huwa staqsa lill-imputat dwar ix-xoghol kollu li nstab, b'referenza ghall-boroz bid-droga, fi kliem l-Ispettur, l-imputat qallu "*... x-xoghol kollu? Qalli xi hsibt li hemm hemmhekk? Qalli hemmhekk jekk tghaqqadhom f'daqqa kull m'hemm zewg grammi u nofs. Qalli l-pakketti qeghdin kollha 0.2*".[11] Dan juri fil-fatt kemm l-imputat kien jaf f'hiex kienu jikkonsistu z-zewg boroz li Pace kellha fil-pussess taghha, tant illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta fil-fatt illi salv ghall-qartas wiehed tal-eroina li kien jikkontjeni 0.82 grammi, fil-bqija l-qratas l-ohrajn kienu lkoll ferm vicin tal-piz minnu ndikat, apparti illi t-total tal-piz tad-droga kollha f'daqqa kien ta' 3.08 grammi, ukoll ghalkekk vicin tal-piz ta' 2.5 grammi li jaghmel referenza ghalih l-istess imputat mal-Ispettur Micallef. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jkompli jikkorrobora lil Pace u cioe` li kien minnu li d-

[10] A fol. 67 tal-process.
[11] A fol. 27 tal-process.

droga in kwistjoni kienet precedentement fil-pussess tal-imputat, li kienu huwa li ppakkja l-istess droga fil-boroz misjuba u li kien l-istess imputat li pprovda l-kokaina lil Pace u lil Zammit u mhux kif jghid l-imputat, li kienet Pace li pprovditilhom l-eroina u l-kokaina fil-jum in kwistjoni. Dan apparti li Pace tghid illi dakinhar l-imputat xtara mizien fil-presenza taghha u fil-fatt verament instab mizien fl-istess kamra.

Imbaghad, dwar ix-xhieda ta' Zammit, il-Qorti m'ghandhiex wisq xi tghid, salv illi kien tassew evidenti ghall-Qorti meta dan ha l-pedana tax-xhieda, illi x-xhieda tieghu ma kellhiex mis-sewwa. Apparti l-iskuzi li jgib li dakinhar kien ha d-droga u allura certi affarijiet ma jiftakarhomx – meta fil-fatt, skont hu, jiftakar illi kellu l-eroina d-dar u ghalhekk ha mill-eroina tieghu x'hin qam filghodu u ha wkoll l-eroina tieghu meta mar fil-lukanda mal-imputat u ma' Pace – fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine* huwa kien stqarr xort'ohra ossia illi dakinhar Pace u hu kienu hadu mill-eroina u l-kokaina tal-imputat, li l-imputat kien mar ghandu filghodu u talbu l-*ammonia* u peress illi ma kellux, huwa mar jixtri, li l-imputat qallu biex imur mieghu l-lukanda biex jiehdu zewg nifsijiet, li la hu u lanqas Pace ma kienu hadu maghhom l-boroz li nstabu fil-lukanda, li hu lanqas sigaretti ma kien ha mieghu u li dakinhar kien qam *sick* hafna u l-imputat kien tah l-eroina minn tieghu minghajr hlas. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, apparti li jinnega li l-imputat dakinhar tah l-eroina, jghid ukoll illi fil-kamra tal-lukanda, ha ftit kokaina li kien hemm fuq il-mejda, liema kokaina ma kinitx tieghu, izda skont hu, ma kienx jaf ta' min kienet jew minn fejn giet! In kontro-ezami, jerga' jinnega li l-imputat kien tah xi droga. Dwar dan, apparti li kif diga` nghad, din ix-xhieda ta' Zammit ma taqbel xejn ma' dak li kien qal fl-istqarrija tieghu, effettivament dak li qal fl-istqarrija *a tempo vergine* jaqbel ukoll ma' dak li qalet Liza Pace fl-istqarrija taghha u sussegwentement, fix-xhieda taghha meta tghid illi fil-lukanda, Zammit u hi hadu mill-kokaina li pprovda l-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi x-xhieda ta' Zammit f'dawn il-proceduri hija wahda kredibbli jew li ghandha mis-sewwa.

Dwar ix-xhieda tal-imputat, imbaghad, il-Qorti tqis illi lanqas din ma hija veritiera. Apparti illi konvenjentement l-imputat jipprova jattribbwixxi l-pussess tal-boroz li nstabu bid-droga lil Pace meta jghid illi kienet hi li bdiet taghti lilu u lil Zammit l-eroina u l-kokaina, l-imputat lanqas ma huwa kredibbli f'dik il-parti tax-xhieda tieghu fejn f'mument minnhom jghid illi certu Wayne u hu kuljum kienu jinqdew b'pakkett zghir u jiehdu d-droga, f'mument iehor jghid illi t-tnejn li huma kienu jinqdew ghalihom b'mod separat, u mbaghad jghid ukoll illi huwa ma rax lil Wayne bid-droga fil-kamra. In oltre fid-dawl ta' dak li l-imputat stqarr mal-Ispettur Micallef meta indika l-pizijiet tal-boroz in kwistjoni, huwa evidenti illi l-imputat ma kienx veritier meta ghad-domanda li saritlu in kontro-ezami "*Liza*

*x'gabet droga maghha*?", huwa wiegeb "*Kellha borza*, *imma ma nafx x'borza kienet*".[12]

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi ghandha temmen il-verzjoni moghtija minn Liza Pace u cioe` illi d-droga li hija remiet fil-kamra tal-lukanda fil-presenza tal-pulizija kienet giet mghoddija lilha mill-imputat u li qabel il-wasla tal-pulizija, kien l-imputat li kien ipprovda d-droga kokaina lilha u lil Zammit.

Stabbilita din il-kwistjoni, il-Qorti tqis ghalhekk illi tirrizulta sodisfacentement ippruvata r-raba' imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' traffikar tad-droga kokaina, b'dan illi jirrizulta wkoll f'dan il-kaz illi tali traffikar kien wiehed *by sharing* ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-imputat ipprovda mid-droga li kellu diga` fil-pussess tieghu lil Zammit u lil Pace u dawn ilkoll hadu minnha flimkien fil-kamra tal-lukanda fil-jum in kwistjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, madankollu, li tikkontempla r-reat ta' traffikar tad-droga eroina, fil-waqt illi Zammit cahad illi l-imputat kien tah din id-droga fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, Pace ma gietx mistoqsija dwar din il-parti tal-istqarrija taghha fix-xhieda taghha u ghalhekk ma regghetx ikkonfermat matul il-proceduri illi qabel marru gewwa l-lukanda, l-imputat kien ipprovda l-eroina lil Zammit ghaliex kien qam *sick*. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, imbaghad, li jikkontemplaw ir-reati ta' pussess aggravat tad-drogi kokaina u eroina, il-Qorti tqis illi ghalkemm il-piz komplessiv ta' droga ma kienx xi wiehed tant kbir ghax, kif jirrizulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, is-sustanza kontenenti l-kokaina kellha piz ta' 1.71 grammi, fil-waqt illi t-trab kontenenti l-eroina kellu piz ta' 1.37 grammi, u ghalhekk piz totali ta' 3.08 grammi, u fil-waqt illi jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat illi huwa jabbuza kemm mill-eroina, kif ukoll mill-kokaina u fix-xhieda tieghu, jiddeskrivi lilu nniffsu wkoll bhala "*junkie*", biss il-Qorti tqis ukoll in-numru ta' *sachets* u l-mod kif kienu maqsumin dawn is-*sachets* bid-droga u illi salv ghal wiehed li jikkontjeni 0.86 grammi bl-eroina, il-bqija huma tassew simili fil-piz ghal xulxin. Tqis ukoll illi fil-kamra nstab mizien u illi x-xhud Pace tghid illi l-imputat ippakkja d-droga kokaina fil-boroz u in oltre illi l-imputat ma kienx ser joqghod jiehu l-briga li jippakkja d-droga li kieku din kienet intiza biex tigi kkunsmata esklussivament minnu jew flimkien ma' Pace jew Zammit.

[12] A fol. 279 tal-process.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, ossia l-aggravju tad-distanza, il-Qorti tqis illi ma ngabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi l-post in kwistjoni jinsab f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u ghaldaqstant, tqis ukoll illi dan l-aggravju ma giex sodisfacentement ippruvat.

Permezz tas-sitt imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija. Din l-imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Permezz tas-seba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bl-addebitu tar-recidiva. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' zewg sentenzi – wahda tas-26 ta' Jannar 2016 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Gilbert Busuttil', u ohra wkoll moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Carlos Cordina, Spettur Saviour Baldacchino) vs Gilbert Busuttil', tal-11 ta' Novembru 2014. Meta l-Ispettur Gabriel Micallef gie mistoqsi mill-Qorti jekk dawn is-sentenzi humiex finali, huwa wiegeb darbtejn "*Le ma nafx*."[13] Il-Qorti tqis illi ghalkemm il-prova tar-recidiva ssir bil-produzzjoni ta' kopja formali tas-sentenza u bil-prova tal-identita` tal-imputat, jew mis-sentenza stess jew permezz ta' xhud, biss f'dan il-kaz, l-Ufficjal Prosekutur stess holoq dubju dwar il-finalita` tas-sentenzi in kwistjoni bit-twegiba tieghu, liema dubju baqa' ma giex imxejjen mill-istess Prosekuzzjoni wara li esebiet l-istess sentenzi u fl-istadju tal-provi taghha, permezz ta' verifika dwar il-finalita` ta' dawn is-sentenzi. Certament illi l-Qorti ma tistax tistrieh sempliciment fuq il-fedina penali tal-imputat ghal fini ta' din il-prova u ghaldaqstant, ma tqisx li dan l-addebitu gie ppruvat sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tikkunsidra fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi *inter alia* kundanni dwar diversi reati kontravvenzjonali, li kkaguna griehi ta' natura hafifa, hsara volontarja, ksur tal-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest, serq aggravat

[13] A fol. 30 tal-process.

f'diversi okkazzjonijiet u tentattiv ta' serq aggravat, sekwestru ta' persuna f'okkazzjonijiet diversi, frodi b'eghmil qarrieqi u falsifikazzjoni ta' dokumenti, dwar liema l-imputat gie kkundannat *inter alia* ghal piena ta' prigunerija fi tliet okkazzjonijiet, apparti pieni pekunjarji u piena ta' prigunerija sospiza. Dan apparti illi fl-atti giet esebita wkoll sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, li permezz taghha l-istess imputat gie kkundannat ghall-piena ta' erbgha u hamsin (54) xahar prigunerija effettiva dwar diversi akkuzi ta' serq aggravat.

Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll l-ammont ta' droga fil-pussess tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet, b'dan illi f'dan ir-rigward qeghda timponi l-piena tassattiva ta' prigunerija effettiva li tikkontempla l-ligi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' (din tal-ahhar in kwantu traffikar *by sharing*) imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva – mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mal-akkuzi li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta'

mitejn, disgha u tmenin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€289.45) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti ghas-somma ta' hamsa u tmenin ewro, wiehed u disghin centezmu (€85.91), b'kollox ammontati tali spejjez ghas-somma ta' tliet mija, hamsa u sebghin ewro, sitta u tletin centezmu (€375.36), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mal-abbuz tad-droga esebiti bhala Dokument GM hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat